MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 170/2006

Charles **CAMILLERI**

vs

Peter **ŻAMMIT,** Nathan Mallia u Toyland Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-27 ta’ Novembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, Peter Zammit, Nathan Mallia u Toyland Limited (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutati”) talbu li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrihom mill-intimat eżekutant Charles Camilleri (aktar ’il quddiem imsejjaħ l-“eżekutant”) fit-22 ta’ Frar, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) f’każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmija Mandat u li xortwa waħda jeħtieġ li l-eżekutati jagħtu garanzija, tillimita dik il-garanzija f’somma li ma taqbiżx it-tmien mitt lira Maltin (Lm 800) u tħassar il-Mandat għal kull ammont ogħla minn

dik is-somma; u (ċ) tikkundanna lill-istess eżekutant iħallashom penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-29 ta’ Novembru, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-11 ta’ Diċembru, 2006;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta’ Diċembru, 2006, u b’mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-avukat tal-eżekutant li biha ifformula l-kontestazzjoni tal-klijent tiegħu għat-talbiet tal-eżekutati u senjatament (i) li ma kienx minnu li l-valur tat-trakk qabel l-inċident kien dak imsemmi mill-eżekutati, jiġifieri Lm 800; (ii) li l-Mandat qiegħed iservi biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu mhux biss kontra l-kumpannija imma wkoll kontra l-eżekutati l-oħrajn;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-istess eżekutati waqt l-imsemmi smigħ li biha iddikjara li t-talbiet tagħhom kienu jinbnew fuq l-artikolu 836(1)(b)(ċ)(d)(e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni magħmla mill-istess avukat tal-eżekutati li biha għarraf lill-Qorti li fit-18 ta’ April, 2006, kien inħareġ kontro-Mandat (Numru 602/06) għall-Mandat in kwestjoni minħabba li kienu ssekwestrati f’idejn sekwestratarju wieħed flejjes biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutant, u għalhekk il-Mandat tħassar in kwantu nżammu kontijiet bankarji miżmuma minn sekwestratarji oħrajn lil hinn minn dawk il-flejjes;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Diċembru, 2006, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrihom mill-eżektant;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandati m'għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant; (ċ) li l-ammont mitlub fil-Mandati mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; (d) li l-garanzija mogħtija jmissha titqies biżżejjed u (e) fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandati jibqgħu fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-eżekutant jiġi ordnat iħallashom penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandati;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati fit-22 ta' Frar, 2006, u kien notifikat lil erba' sekwestratarji – ilkoll banek kummerċjali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000)[2] u l-kawżali tirreferi għal "valur ta' ħsarat kalkolati ai finijiet ta' dan il-mandat kawżati fi trakk tas-sekwestrant minħabba nirien li ħakmuh per konsegwenza ta' negliġenza tas-sekwestrati". Għalkemm l-ebda wieħed mis-sekwestratarji ma wieġeb dwar it-talba fil-Mandat, jirriżulta li nżammu biżżejjed assi biex iħarsu l-pretensjonijiet tal-eżekutant f'dan il-Mandat;

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[2] Ekwivalenti għal € 23,293.73 fi flus tal-lum

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi r-rikorrent isemmi ħames kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[4]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrenti jsostnu li sa minn dejjem ma kienx hemm il-ħtieġa li l-eżekutant jitlob il-ħruġ tal-Mandat;

---

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

Illi, minbarra li diġa' ngħad li argument bħal dan ma jistax jitqies taħt din il-kawżali, r-rikorrenti ma taw l-ebda raġuni għaliex iqisu li, minn wara li nħareġ il-Mandat, inħolqot raġuni ġdida li biha l-ħtieġa tiegħu m'għadhiex teżisti;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti jgħidu li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant tinsab fil-ġid kbir li t-tliet rikorrenti (imma l-aktar il-kumpannija eżekutata) għandhom u li huwa magħruf minn kulħadd li għandhom;

Illi huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess eżekutati, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi f'dan il-każ, l-eżekutati ma ressqu l-ebda prova li mqar tagħti ħjiel ta' dak li qegħdin jallegaw f'dan ir-rigward, u għalhekk il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li tirriżulta xi garanzija xierqa oħra minbarra l-Mandat. Fin-nuqqas ta' prova bħal din imqar fuq livell ta' *prima facie*, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dik l-allegazzjoni. Minbarra dan, imkien fil-liġi ma jingħad (jew għandu jinftiehem) li l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju ma jistax isir kontra persuna li jista' jkun li għandha bosta ġid;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandati;

Ċ) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali tidher li hija l-qofol talargument tal-eżekutati. Huma jisħqu li t-trakk li l-eżekutant jgħid li ġarrab ħsarat bin-nirien li ħakmu l-għalqa fejn kien ipparkjat lanqas mank jiswa iżjed minn

Lm 800[5]. Huma jesebixxu wkoll sensiela ta' ritratti[6] biex juru li t-trakk mhux aktar minn qafas imsaddad bla roti li lanqas jista' jinsaq fuq triq;

Illi, min-naħa tiegħu, l-eżekutant jgħid li d-danni reklamati fil-Mandat huma maħduma mhux fuq is-siwi tat-trakk, imma kemm ikun irid jonfoq biex jixtri trakk ieħor minflok dak li nħaraq;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[7];
Illi r-rikorrenti eżekutati, madankollu, jissottomettu li l-ilment tagħhom taħt din il-kawżali jinbena mar-raġuni li ressqu 'l quddiem taħt l-artikolu 836(1)(b), jiġifieri li l-Mandat ma kien messu nħareġ qatt. Din il-Qorti diġa' sabet li dik il-kawżali ma kinitx waħda tajba biex twassalha biex tordna t-tħassir tal-Mandat;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

D) <u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti tinnota li l-eżekutati ma taw l-ebda ħjiel fiex tikkonsisti l-garanzija li trid il-liġi. Fis-

---

[5] Ara Dok "PZ1", f'paġ. 4 tal-atti tar-Rikors
[6] Dok "PZ2", f'paġ. 5
[7] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

sewwa jingħad li lanqas biss issemmiet waqt it-trattazzjoni tal-għeluq mill-għaref difensur tal-eżekutati;

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

E) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti jtennu li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ meta wieħed iqabbel il-valur rejali tat-trakk ma' dak li jippretendi l-eżekutant;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutant m'għandux jedd għall-ħlas ta' kumpens għad-danni li huwa jgħid li ġarrab minħabba l-ħruq negliġenti fl-għalqa fejn kien miżmum it-trakk, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[8]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, l-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-allegazzjonijiet tal-eżekutati dwar kemm jiswa tassew it-trakk milqut bin-nirien, u kemm kien l-ammont ta' ħsara li ġarrab l-eżekutant. Jibda biex jingħad li s-*surveyor* li stima l-fdalijiet tat-trakk lanqas biss ra l-istess vettura, imma qagħad fuq dak li qallu wieħed mill-eżekutati. Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' kull prova oħra, ma jidhirx irraġonevoli li persuna tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat bħala dannu mġarrab dwar vettura ta' dak id-daqs. Ladarba m'hemm l-ebda prova dwar l-istat li kien fih it-trakk qabel ma l-għalqa ħadet in-nar, u ladarba l-pretensjonijiet tal-eżekutant fil-kawża jinkludu wkoll in-

[8] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

nuqqas ta' xogħol minħabba li t-trakk ma setax jintuża aktar (jiġifieri, minbarra l-valur tat-trakk innifsu), il-Qorti ssib li m'hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[9]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandati, sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[10]. F'dan il-każ, l-eżekutanti ma jsemmux taħt liema waħda mill-erba' każijiet maħsuba mil-liġi qegħdin isejsu il-pretensjoni tagħhom. Iżda, mill-kliem użat fir-rikors, jidher li qegħdin jirreferu għal dawk iċ-ċirkostanzi maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-Kap 12, jiġifieri (a) iċ-ċirkostanzi tal-eżekutati dwar it-tħassib raġonevoli dwar il-likwidita' tagħhom; u (b) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tagħmel riferenza l-aktar għal dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar il-kwestjoni tal-garanzija alternativa. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi jew argumenti li minnhom l-eżekutant intwera li messu ma kellu l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorrenti. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux

---

[9] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[10] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors ma juru li r-rikorrenti għamlu xejn minn dan kollu;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti wkoll jibnu din fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimat eżekutant joħroġ mill-fatt li kien jaf li t-trakk tiegħu ma jiswiex daqs kemm inżammu flus bil-Mandat, u wkoll fuq il-fatt li nqeda bil-Mandat biex jagħmel pressjoni jew rikatt fuq l-eżekutati. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutant kellu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandati nħarġu b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejqu lir-rikorrenti eżekutati;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[11]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[12];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħhom għaliex ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrenti eżekutat.

Mogħti kameralment illum, it-13 ta' Marzu, 2008.

**< Sentenza Finali >**

[11] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[12] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

---------------------------------TMIEM---------------------------------